MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Appell Civili Numru. 3/2001/1

**Said International Limited**

**vs**

**MAC Limited; Paul Zerafa; Metarica Properties Limited; u Doris armla minn George Zerafa, Josephine mart Carmel Grech, Carmen mart Joseph Mamo, Maximillian Zerafa, Joseph Zerafa, Mary mart Joseph Said u l-istess Joseph Said, Antida mart Paul Savona u l-istess Paul Savona u Marthese mart Martin Bonnici u l-istess Martin Bonnici, dawn ilkoll ahwa Zerafa ulied l-imsemmija Doris Zerafa u l-mejjet George Zerafa.**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Mejju 2002 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi:-

"Il-Bord,

Ra c-citazzjoni fejn l-atturi qalu;

Peress illi, permezz tar-Rikors Numru 135/99 fl-ismijiet MAC Limited et vs Said International Limited, li gie pprezentat quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, is-socjeta' konvenuta talbet lill-Bord, permezz ta' mandat ta' zgumbrament, sabiex is-socjeta' attrici, f'dik l-istanza s-socjeta konvenuta, tigi zgumbrata mill-fond 43/12-13, Zachary Street, Valletta, minhabba li s-socjeta' kienet moruza fil-hlas tal-kera;

Premess illi b'sentenza moghtija fis-6 ta' Lulju 2000, il-Bord laqa' t-talba u awtorizza lill-konvenuti jirriprendu l-pussess tal-fond 13/12-13 Zachary Street, Valletta;

Premess illi s-sentenza ttiehdet wara li l-unika shareholder u direttur tas-socjeta' attrici, Godwin Said kien miet u hadd ma kien ghadu gie nominat direttur flok il-mejjet;

Premess illi ghalhekk, ic-citazzjoni kelha tigi notifikata lill-kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw lill-kumpanija peress illi ma kien hemm hadd biex jirraprezentaha, izda dan ma sarx;

Premess illi l-attur gie nominat direttur biss fis-26 ta' Jannar 2001;

Premess illi b'hekk, is-socjeta attrici ma setghetx tiddefendi ruhha kif suppost skond il-ligi;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. tiddikjara li s-sentenza tal-Bord tal-Kera tas-6 ta' Lulju 2000, fl-ismijiet MAC Limited vs Said International Limited, Rikors Numru 135/99, ittiehed minghajr ma l-parti telliefa kienet notifikata bir-rikors kif suppost skond il-ligi;

2. thassar is-sentenza moghtija mill-Bord tal-Kera tas-6 ta' Lulju 2000, fl-ismijiet MAC Limited et vs

Said International Limited, Rikors Numru 135/99, ghar-ragunijiet fuq premessi;

3. tordna li ssir ir-ritrattazzjoni ta' l-istess rikors.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni mahlufa.

Ra l-lista tax-xhieda.

Ra n-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti li inter alia eccepew

(i) fl-ewwel lok is-socjeta attrici ghandha taghti indikazzjoni cara ta' liema huma s-subartikoli ta' l-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li fuqhom hija qed tibbaza l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretenzjonijiet taghha hekk kif dedotti minnha fil-konfront ta' l-eccipjenti permezz ta' l-Att ta' Citazzjoni odjern.

(ii) fit-tieni lok u bla pregudizzju t-terminu ta' dekadenza ta' tlett xhur rikjest mill-ligi ai termini ta' l-artikolu 818 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, in partikolari l-paragrafu (b) tal-precitat artikolu, entro liema ghandha tigi prezentata azzjoni ghar-ritrattazzjoni, llum skada u ghaldaqstant l-azzjoni attrici tirrizulta ghal kollox guridikament insostenibbli u b'hekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-isejjez kontra l-istess socjeta attrici.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra d-dokumenti esebiti

Ra l-atti ta' din il-procedura u dawk tar-rikors 135/99B fl-ismijiet inversi deciz minnu (kif presedut) fis-6 ta' Lulju 2000.

Sema t-trattazzjoni ta' l-avukat tal-partijiet.

Ra l-verbal tat-13 ta' Marzu 2002.

Ikkonsidra,

1. B'rikors prezentat fis-26 ta' Ottubru 1999 quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera l-konvenuti ta' llum wara li qalu li

(i) huma jikru lis-socjeta' intimata l-ufficju numru 43/12-13, Zachary Street, Valletta, verso l-kera ta' Lm952.00 fis-sena, pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem, cioe' fl-1 ta' Frar u fl-1 t'Awissu ta' kull sena, l-iskadenza promissa taghlaq fl-1 ta' Frar 2000.

(ii) s-socjeta' intimata naqset milli thallas is-segwenti skadenzi ta' kera ghall-imsemmi fond li ghalqu rispettivament bejn l-1 t'Awissu 1998 u l-31 ta' Jannar 1999, l-1 ta' Frar 1999 u l-31 ta' Lulju 1999, l-1 t'Awissu 1999 u l-31 ta' Jannar 2000.

(iii) s-socjeta' intimata baqghet hekk moruza fil-hlas tal-imsemmijin skadenzi nonostante diversi talbiet ghall-hlas, kompriza ittra legali datata 11 ta' Marzu 1999, u in oltre nonostante sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili wara kawza fl-ismijiet "MAC Limited et vs Said International Limited" Citaz Nru 1266/99 GC, istitwita fl-1 ta' Gunju 1999 u deciza fl-1 ta' Lulju 1999, fejn dik il-Qorti kkundannt lis-socjeta' intimata sabiex thallas l-imsemmijin arretrati ta' kera lir-rikorrenti, pero' s-socjeta intimata baqghet inadempjenti u ghadha ma hallsitx.

Talbu li

In vista ta' tali morozita' da parte tas-socjeta itnimat fil-hlas tal-imsemmija arretrati ta' kera, l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord jogghbu jawtorizzahom jirriprendu pussess tal-imsemmi ufficju nurmu 43/12-13, Zachary Street, Valletta prevja terminazzjoni tal-lokazzjoni relattiva, u ghal dan l-iskop jigi prefiss lill-intimati terminu qasir u perentorju ghall-izgumbrament skond il-ligi.

2. B’sentenza moghtija fis-6 ta’ Lulju 2000 il-bord laqa’ t-talba tar-rikorrenti (illum konvenuti) biex jergghu jiehdu f’idejhom il-fond 43/12-13 Zachary Street, Valletta bl-ispejjez u ipprefigga t-terminu ta’ xahar ghall-izgumbrament wara li kkonsidra,

Illi dan ir-rikors mexa flimkien mar-rikors 134/99 li qed jigi deciz illum.

Illi l-intimati kkontestaw it-talba imma ma pprezentaw ebda risposta. Fis-seduta tal-24 ta’ Novembru d-difensur ta’ l-intimat gharraf lill-Bord illi l-imsieheb ewlieni tas-socjeta’ intimata miet xhur ilu. Wara, minn, u ghan-naha intimati ma deher hadd.

Illi jirrizulta li din il-kirja saret lis-socjeta’ intimata li ma hallsitx kera ghall-perjodi 1 ta’ Awissu 1998 – 31 ta’ Jannar 1999, 1 ta’ Frar 1999 – 31 ta’ Lulju 1999 u ghall-1 ta’ Awissu 1999 - 31 ta’ Jannar 2000. Sarulha diversi talbiet ghall-hlas fosthom ittra legali u kawza. L-ittra legali nkitbet dwar l-ewwel zewg skadenzi (fol 11) fil-11 ta’ Marzu 1999 u wara citazzjoni inghatat sentenza mill-Onorabbli Prim’Awla fil-kawza fl-ismijiet ‘Mac Ltd et vs Said International Ltd’ fl-1 ta’ Lulju fejn l-intimati gew ikkundanati jhallsu l-istess skadenzi. Il-hlas ma sarx.

Is-socjeta’ intimata ma ressqet l-ebda xhieda.

3. B’nota prezentata fil-11 ta’ Frar 2002 fil-procedura ta’ llum s-socjeta attrici ddikjarat li s-sitwazzjoni qeghda ssir a bazi ta’ l-art 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta b’referenza ghall-ewwel paragrafu tan-nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk skond il-verbal tat-13 ta’ Marzu 2002 il-Bord ser jghaddi biex jikkonsidra l-eccezzjoni dwar id-dekadenza ta’ tlett xhur ai termini ta’ l-art 818 tal-Kap 12, partikolarment il-paragrafu (b) ta’ l-istess artiklu.

4. L-art 818 (1) (b) tal-Kap 12 jghid li z-zmien li fih tista’ ssir it-talba ghas-sitwazzjoni huwa ta’ tlett xhur u jibda jghaddi fil-kaz imsemmi fil-paragrafu (b) mill-gurnata li fiha l-attur ilu gia jaf bis-sentenza. L-art 811 (b) jghid li tista tintalab sitwallokazzjoni

(b) jekk ic-citazzjoni ma tkunx giet innotifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret ghas-smiegh tal-kawza.

Dan l-art jirreferi ghal kawzi decizi b'sentenzi moghtija fi grad ta' appell li l-art 812 jaghmlu applikabbli ghal Qorti ta' l-ewwel grad li jaqa' tahtu l-Bord li Jirregola l-Kera

"Is-sitwazzjoni ta' kawza deciza b'senteza moghtija minn Qorti ta' l-ewwel grad u li ghaddiet f'gudikant, tista' tinghata ukoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wiehed mill-kazijiaet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob is-sitwazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell."

5. Mid-dokument 'JS' prezentat mis-socjeta' attrici jirrizulta li fil-5 ta' Frar 2001 Renny Said u Sacha Said gew mahtura diretturi u rapprezentanti tas-socjeta' attrici ghall-ghanijiet gjudizzjarji b'effett mill-25 ta' Jannar 2001 (effective date of change).

6. A bazi tas-sentenza moghtija mill-Bord fis-6 ta' Lulju 2000 gie prezentat mandat ta' zgumbrament (27/00) fis-27 ta' Awissu 2000 li gie notifikat bih Sacha Said fis-7 ta' Settembru 2000.

7. Fil-15 ta' Frar 2001 is-socjeta attrici talbet is-sospensjoni tat-twettiq tal-mandat u dak inhar stess ressqet dawn il-proceduri.

8. A bazi ta' sentenza moghtija mill-bord f'rikors iehor fejn il-partijiet kienu l-istess, imma dwar fond iehor fis-6 ta' Lulju 2000 gie prezentat mandat ta' zgumbrament fit-22 ta' Awissu 2000 li gie notifikat f'idejn Sacha Said fl-1 ta' Settembru 2000.

9. Fil-15 ta' Frar 2001 is-socjeta attrici talbet is-sospensjoni tat-twettiq tal-mandat imma ipprezentat proceduri ghas-sitwazzjoni fis-6 ta' Settembru 2000 ferm

qabel. Halfet id-dikjarazzjoni bhal f'dawn il-proceduri Sacha Said "in rapprezentanza ta' l-istess socjeta' attrici".

10. Ghalhekk is-sentenza li taghha qed jintalab it-thassir u s-smigh mill-gdid inghatat fis-6 ta' Lulju 2000. Gie prezentat mandat fit-22 ta' Awissu 2000 li gie mholli f'idejn Sacha Said fis-7 ta' Settembru 2000. L-imsemmi Sacha Said fis-6 ta' Settembru 2000 halfet dikjarazzjoni f'kawza ohra in rapprezentanza ta' Said International Limited. Ghalhekk huwa car li Sacha Said meta gie notifikat bil-mandat kien in rapprezentanza gjuddizzjarja. fIl-premessi tac-citazzjoni jinghad

"premess illi l-attur gie nominat direttur biss fis-26 ta' Jannar 2001"

dejjem b'referenza ghal Sacha Said. Dan mhux korrett. Ic-citazzjoni ta' llum saret fil-15 ta' Frar 2001 wara li ghaddew it-tlett (3) xhur imsemmija fl-art 818 (1) (b) tal-Kap 12 ghalhekk hi insostenibbli.

11. L-atturi qed isejsu s-sitwazzjoni taghhom fuq l-art 811(b) tal-Kap 12. Barra dak li diga ingahd bhala zieda jinghad ukoll li mill-verbal tal-24 ta' Novembru 1999 jirrizulta li fl-ewwel jum tas-smigh ir-rikors gie kontestat minn Dr Gavin Gulia ghas-socjeta' Said International Limited.

Ghalhekk il-Bord jilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat u jichad it-talbiet tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontriha."

Minn dina s-sentenza appellat is-socjeta` attrici bl-aggravju illi l-Bord kien zbaljat meta ddeduca illi n-notifika tal-mandat ta' zgumbrament servut lil Sacha Said, persuna bla kariga fil-kumpanija, kellha titqies notifika lill-istess kumpanija. Is-socjeta' appellanti tissottometti illi l-imsemmi Sacha Said ottjena r-rapprezentanza guridika tas-socjeta` fil-25 ta' Jannar 2001 u allura, dejjem skond l-istess socjeta` appellanti, t-terminu prefiss mil-ligi ghall-proponiment tal-kawza tar-ritrattazzjoni kellu jibda jiddekorri mill-precitata data u mhux ukoll mis-7 ta'

Settembru 2000, data tan-notifika lill-imsemmija persuna tal-Mandat ta' zgumbrament (Numru 27/00).

Ma jkunx inopportun jekk qabel approfondiment tal-aggravju jigu anke hawn ribaditi certi principji ormai saldament affermati in materja ta' ritrattazzjoni. In partikolari,

(a) ir-rimedju konsentit minn dan l-istitut huwa ta' natura straordinarja ("**Dr. Paul Mallia nomine –vs- Vincenza xebba Camilleri**", Appell Civili, 2 ta' Lulju 1975),
(b) regolat minn interpretazzjoni strettissima "**Rev. Sac. Dun Giuseppe Aquilina –vs- Francesco Aquilina**", Appell Civili, 18 ta' April 1958),
(c) "non suscettibile di una estensiva ma della sola letterale" ("**Arthur Micallef –vs- Maria Dolores Vella et**", Prim'Awla, Qorti Civili, 25 ta' Gunju 1910).

Dan affermat, opportunement ukoll qed jigi ribadit illi l-gudizzju ta' ritrattazzjoni hu maghmul minn zewg stadji distinti, "da non confondersi l'uno coll'altro" (**Kollez Vol XXII pI p242**) imsejha mill-pratici "rescindente" u "rescissorio".

In kwantu rimedju straordinarju r-ritrattazzjoni mhiex ammissibbli meta s-sentenza setghet tigi mpunjata bil-mezz ordinarju ta' l-appell (Art 812, Kap 12). Ara fir-rigward sentenza ta' dina l-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet "**Arthur Taliana et –vs- Godwin Falzon pro et noe**", 5 ta' Marzu 2003.

Inoltre dejjem ghall-istess raguni l-procedura ntentata tkun irrita u nulla jekk ma ssirx fit-terminu prevvist mill-Artikolu 818, Kap 12. Dan it-terminu hu meqjus bhala wiehed mill-elementi kostituttivi tal-proponiment tal-azzjoni.

Kif jinsab rilevat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Can. Francesco Azzopardi –vs- Francesco Galea**", Appell Kummercjali, 17 ta' Frar 1876 (**Vol VII pag 526**), "il termine di sei mesi (illum, tliet xhur) accordato dalla legge per domandare la ritrattazione di una sentenza, e` termine per agire; e

quindi il suo trascorrimento importa la decadenza, ove entro lo stesso non si fosse proposta la domanda; e quindi ancora tale termine non e`, come nel caso di prescrizione, rinnovabile per interruzione".

Premessi s-suesposti konsiderazzjonijiet bhala introduzzjoni ghall-ezami f'dan l-appell interpost, jirrizulta mill-atti illi s-socjeta` appellanti qed tadduci bhala motiv ghar-ritrattazzjoni dak mahsub f'subparagrafu (b) ghall-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Ara nota spjegattiva a fol 39). Dispositiv dan li jippropunja zewg elementi fundamentali, u cjoe, (i) li l-parti telliefa ma tkunx giet notifika bic-citazzjoni jew bl-att promotur ta' l-azzjoni, u (ii) li ghalkemm mhux notifikata ma tkunx ukoll dehret ghas-smiegh tal-kawza.

Huwa indiskuss illi n-notifika ta' atti gudizzjarji hi regolata bid-disposizzjonijiet specifici fil-Kodici ta' Procedura (Kap 12) u li l-validita` taghha tista' biss tregi jekk jigi provat konkluzivament illi n-notifika saret skond kif fl-istess disposizzjonijiet mahsub.

Huwa wkoll accettat illi "kumpanija tista' tinnomina kull persuna biex tirrapprezentaha fl-atti gudizzjarji u m'hemmx bzonn li din il-persuna tkun registrata bhala rapprezentanta taghha mar-Registratur tas-Socjetajiet" (**Joseph Borg nomine –vs- Accountant General et**", Appell Civili, 16 ta' Frar 1993).

Gie imbaghad osservat wara l-emendi ghall-Kap 12 bl-Att XXIV ta' l-1995 illi "infatti l-artikolu 181 A(1) issa jipprovdi illi meta tigi prezentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalita` guridika distinta ikun bizzejjed li wiehed inizzel l-isem tal-korp. Ghall-fini ta' l-azzjoni in kwantu din tkun promossa minn, jew diretta kontra, s-socjeta` b'personalita` distinta, ma hux allura mehtieg li jigi identifikat min, skond l-atti kostitutivi tas-socjeta` ikun jirrapprezentaha …. Hu veru li s-subinciz 2 ta' l-artikolu 181A jipprovdi illi kull dikjarazzjoni li ghandha tinhalef skond il-ligi ghandha fil-kaz ta' korp li jkollu personalita` guridika distinta, tinhalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rapprezentanza guridika ta' dak il-korp jew

minn kull segretarju tal-kumpanija jew minn kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tipprezenta atti gudizzjarji f'ismu jew li taghmel tali dikjarazzjoni. Hu immedjatament ovvju pero` illi l-persuni illi jistghu jaghmlu dikjarazzjoni ta' din ix-xorta – li tikkostitwixxi prova tal-kontenut taghha imma li difett fiha mhux necessarjament tirrendi l-proceduri invalidi – ma humiex limitati ghal dawk li ghandhom rapprezentanza gjudizzjarja tas-socjeta` … …" – **Av. Louis Cassar Pullicino nomine –vs- Anthony Zahra nomine**", Appell, 7 ta' Ottubru 1996.

Dan premess, il-Qorti hi konxja tal-fatt illi l-konsiderazzjonijiet fuq maghmula jikkoncernaw strettament l-istadju 'in rescindente' tal-kawza. Fil-kaz prezenti invece l-punt in diskussjoni jikkoncerna l-pregudizzjali ta' indoli purament procedurali anterjuri ghal dan l-istess stadju. Huwa ovvju illi jekk ma tigix sorvolata l-pregudizzjali tas-socjeta` ritrattata li r-ritrattazzjoni ma tressqitx fit-terminu statutorju allura l-Qorti ma tkunx tista' tokkupa ruhha mill-istadju primarju "in rescindente".

Issa l-Artikolu 818 (1) sub-paragrafu (b) jiddisponi illi "z-zmien illi fih tista' ssir it-talba ghar-ritrattazzjoni huwa ta' tliet xhur, u jibda jghodd, fil-kaz imsemmi fil-paragrafu (b)(Art 811), mill-gurnata li fiha l-attur ikun gie jaf bis-sentenza".

"Provvediment dan illi jfisser kjarament illi kull ma jenhtieg biex jibda jiddekorri t-terminu huwa li l-attur ikun gie a konoxxenza tal-fatt li inghatat is-sentenza. L-ebda formalita` ma hija mehtiega biex jigi kostatat il-fatt ta' konoxxenza ta' l-attur ta' l-ezistenza ta' din is-sentenza. Dan il-fatt jista' jigi arguwit u dezunt mill-provi u cirkostanzi li jnisslu fil-gudikant il-konvinciment li l-attur kien jaf jew li hu ma setghax ikun qed jitlob ir-ritrattazzjoni fil-mument meta l-provi hekk juru" - "**Joseph Mangion et –vs- Joseph Cassar**", Appell, 27 ta' April 1999.

Kif gja drabi ohra rimarkat "kwantu ghall-prova ta' din ix-xjenza, il-piz taghha jinkombi, mhux fuq min jipproponi l-azzjoni tar-ritrattazzjoni, imma fuq il-konvenut, b'mod illi

huwa dmir ta’ dan li jipprova li l-attur ippropona l-azzjoni aktar minn tliet xhur wara li kien jaf bis-sentenza attakkata … … F’kaz ta’ dubju dwar din il-prova, l-beneficcju tad-dubju ghandu jmur favur l-attur, ghax il-prova da parti tal-konvenut ma tkunx saret konkludentement” – “**Emmanuele Inguanez et –vs- Giovanni Testa et**”, Appell Civili, 9 ta’ Gunju 1959.

F’dan il-kuntest id-decizjoni tal-Bord tippuntwalizza l-punt illi mill-provi in atti kien altru milli car illi s-socjeta` appellata iddizimpenjat ruhha sew u li per konsegwenza s-socjeta` ritrattandi kienet taf bl-ezistenza tas-sentenza moghtija fil-konfront taghha fis-6 ta’ Lulju 2000. Dan il-Bord wasal ghal din id-deduzzjoni wara li ghamel dawn l-osservazzjonijiet:-

(i) Il-mandat ta’ zgumbrament Numru 27/00 konsegwenti ghal din is-sentenza gie servut lil Sacha Said fis-7 ta’ Settembru 2000. Dan kif evidenzjat mir-riferta tal-Marixxal ezekutant redatta fl-atti ta’ dak l-istess Mandat.
(ii) Jirrizulta illi fil-kaz ta’ mandat ta’ zgumbrament iehor Numru 28/00 riferibilment ghal fond iehor dan ukoll gie servut lill-imsemmi Sacha Said fl-1 ta’ Settembru 2000. Ara riferta apportata fuq dan il-Mandat. Fir-rigward ta’ dan il-kaz ukoll deciz fis-6 ta’ Lulju 2000 l-imsemmi Sacha Said ipprezenta procedura ta’ ritrattazzjoni f’isem is-socjeta` fis-6 ta’ Settembru 2000.

Fid-dawl ta’ dawn il-provi din il-Qorti, bhall-Bord, qabilha, ma tistax taccetta l-kontenzjoni tas-socjeta` appellanti illi Sacha Said ma setax jipproponi l-kawza tar-ritrattazzjoni ghax ma kellux ir-rapprezentanza gjuridika tas-socjeta`.

Tajjeb li jigi rifless imbaghad il-fatt ovvju illi fil-proceduri s-socjeta` appellanti mkien ma adduciet prova wahda illi l-imsemmi Sacha Said ma kellux vestit fih din ir-rapprezentanza, kif hekk di rigore kien jinkombi lilha li taghmel. Multo magis, imbaghad, meta proprju tressqet il-prova kuntrarja mis-socjeta` appellata illi l-istess Sacha Said kellu tali rapprezentanza tant li agixxa konformement b’kawza ta’ ritrattazzjoni wara li rceva mandat iehor ta’ zgumbrament, kif fuq gja manifest.

Billi wkoll, kif gja espost ‘supra’ socjeta` jista’ jkollha bhala rapprezentant taghha ghal fini ta’ atti anke gudizzjarji anke persuna awtorizzata, kien certament doveruz illi s-socjeta` appellanti turi ghas-sodisfazzjoni tal-Bord illi Sacha Said ma kienx persuna hekk awtorizzata. Ma kellhiex allura tistrieh ghal kollox fuq il-kontenut tad-dokument mibghut lir-Registratur tas-Socjetajiet fil-5 ta’ Frar 2001 minghajr ma taghmel xejn aktar.

B’mod mill-aktar esplicitu l-ligi tissanzjona li l-azzjoni ghandha titressaq f’terminu statutorju preciz. F’dan il-kaz it-terminu beda jghaddi minn meta Sacha Said rceva l-Mandat ta’ Zgumbrament fis-7 ta’ Settembru 2000 billi dan l-att kien jaghmel specifika referenza ghall-atti tal-kawza u ghas-sentenza li taghha xhur wara u eccedenti t-terminu legali talab ir-ritrattazzjoni f’isem is-socjeta`.

Vizwalizzata fit-termini precizi tal-kliem tad-disposizzjoni (Art 818) ma kienx lecitu illi wiehed jidderoga minnhom bis-sahha ta’ xi interpretazzjoni wiesgha u innovattiva.

Gja l-Qrati kellhom okkazjoni jikkummentaw fil-konsiderazzjoni ta’ dan l-aspett tal-materja, u tar-regoli stretti ta’ interpretazzjoni fl-ambitu tal-istitut tar-ritrattazzjoni, illi “la disposizione dell’articolo 836 (illum Art 819 (1)Kap 12) delle leggi di Organizazzione e Procedura Civile, la quale dichiara perentorio il termine di tre mesi concesso nell’articolo 835 (illum, Art 818) delle stesse leggi per proporre la ritrattazione non viene meno per la circostanza che l’attore in ritrattazione ha dovuto avanzare un ricorso per agire in forma pauperis, le cui procedure hanno dovuto assorbire quel termine, ne per la circostanza che l’attore e` un minore, il qaule non era provveduto di un curatore. Ne` il detto ricorso puo essere considerato come equipollente alla domanda per la ritrattazione” – “**Lorenzo Borg Depares nomine –vs- Angelo Galea et**”, Appell Civili, 31 ta’ Marzu 1907 (**Vol XX pI p35**).

Dan il-bran qed jigi riportat biex jaghti risalt lill-fatt, illi mhux kull skuzanti tista’ sservi biex wiehed jovvja ghan-

nuqqas ta' azzjoni, meta, kif fuq muri, l-azzjoni propulsa ghar-ritrattazzjoni, setghet invece ssir 'in tempo', kif hekk sar mill-istess socjeta` ritrattandi f'kaz iehor bejn l-istess partijiet.

Fl-ahhar mill-ahhar il-Qorti hi sodisfatta illi l-apprezzament u l-konkluzjoni tal-Bord, bazata fuq il-provi processwali akkwiziti, huma ben fondati kemm fuq konsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi rigettat u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------